## 29 ta' Jannar, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Gerald Buttigieg

**Korruzzjoni ta' Minorenni — Prostituzzjoni — "White Slave Traffic" — Post Pubbliku — Dar — Kwerela — Rinunzja — Aċċettazzjoni — "Long Title" — Appell — Art. 8 u 9 tal-Kap. 102.**

*Dar mhix post publiku, la mix-xorta tagħha u lanqas minħabba destinazzjoni. U jekk jitħalla l-bieb ta' barra miftuħ, id-dar lanqas tista' titqies bħala post publiku b'aċċidentalità.*

*Għaldaqstant, reat ta' korruzzjoni ta' minorenni li jiġi kommess f'kamra f'dar privata, ma jistax jitqies li ġie kommess f'post publiku fuq ir-rifless illi, minħabba li l-bieb ta' barra tħalla miftuħ, seta' xi ħadd mill-publiku qabad u daħal fid-dar u daħal fil-kamra fejn kien qiegħed jiġi kommess dak ir-reat. Kieku minn xi apertura eżistenti fid-dar xi ħadd mill-publiku seta' jara faċilment dak li kien qiegħed isir ġod-dar, allura forsi wieħed kien talvolta jista' jikkontempla soluzzjoni fis-sens li d-dar saret post publiku b'aċċidentalità, salvi konsiderazzjonijiet oħra; imma fl-assenza ta' din il-possibbiltà id-dar tibqa' post mhux publiku. U jekk f'każ simili tiġi prodotta rinunzja għall-kwerela, u ma tirrikorrix ebda waħda miċ-ċirkustanzi li skond il-liġi jirrendu dan ir-reat persekwibbli "ex officio", ma jkunx hemm aktar lok għall-prosekuzzjoni tar-reat.*

*It-talba ta' l-imputat għall-benefiċċju tar-rinunzja tekwivali raġjonevolment għall-aċċettazzjoni tar-rinunzja.*

*Il-liġi, fl-art. 9 tal-Kap. 102, tikkolpixxi lil kull min għandu ħanut, alloġġ jew lukanda, jew appartament privat, u jippermetti jew iħalli li dawk il-postijiet, jew xi parti minnhom, tiġi użata għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali. Din il-liġi, għalkemm issemmi l-prostituzzjoni, li tindika pjuttost relazzjonijiet ta' meretriċi ma' raġel, tapplika anki għall-każijiet ta' attijiet libidinużi omosesswali, u mhix limitattiva għar-relazzjonijiet etero-sesswali, jiġifieri bejn nisa u rġiel; għax il-kliem tal-liġi "skopijiet oħra immorali" jinċħu kull dubju li jista' jippreżenta ruħu minħabba l-użu tal-kelma "prostituzzjoni".*

*Il-"Long Title" ta' liġi ma għandux ikollu tant qawwa li l-artikoli kollha ta' dik il-liġi għandhom jiftiemu subordinatament għal-"long title"; b'mod li, meta l-kliem ta' artikolu f'dik il-liġi jkunu ċari, il-"long title", avvolja limitattiv, ma għandux jipprevali; u dak l-artikolu japplika avvolja joħroġ mill-ambitu tal-"long title". Għaldaqstant, għalkemm l-Ordinanza dwar il-"White Slave Traffic" fit-titolu — "Long Title" — tagħha tirriferixxi għall-isfruttament ta' nisa bil-prostituzzjoni tagħhom ma' rġiel, ma jistax jiġi eskluż li dik il-liġi tapplika anki għal materji oħra kontemplati bi kliem ċari f'xi artikoli tagħha, għalkemm dawk il-materji ma humiex koperti mil-"long title".*

*Imma jibqa' dejjem veru li l-kelma "dar" mhix imsemmija fl-artikolu 9 tal-Kap. 102; u għalhekk reat simili kommess f'dar pri-*

*vata ma kuż kompriż u ma jidħolx f'dak l-artikolu 9. Jidħol taħt l-art. 8. Imma l-imputazzjoni ma tistax titbiddel fl-appell; b'mod illi l-akkuża bażata fuq l-art. 9, u l-konvinżjoni bażata fuqu, għandha taqa', lu darba ma tkunx saret il-korrezzjoni ta' l-akkuża, biex tinġieb taħt l-art. 8, fl-ewwel istanza.*

Dan hu appell tal-imputat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta fid-19 ta' Novembru, 1954;

B'din is-sentenza, l-imputat instab ħati ta' reat ta' korruzzjoni għad-dannu ta' minorenni, ta' reat ieħor ta' korruzzjoni għad-dannu ta' minorenni ieħor, u tar-reat kontemplat fl-art. 9 tal-Kap. 102, ċjoè talli ppresta d-dar tiegħu għal skop ta' prostituzzjoni; u ġie kundannat għall-piena ta' lavuri furzati għal żmien sena;

L-imputat appella lil din il-Qorti, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi konfermata fejn sabet l-appellant ħati ta' korruzzjoni tal-minorenni Renda, mingħajr, però, iż-żieda tal-piena minħabba kontinwità, u li tiġi revokata fejn ikkundannat l-appellant fuq it-tieni reat (korruzzjoni ta' Carbonaro), u t-tielet imputazzjoni (reat taħt l-art. 9 tal-Kap. 102), billi minn dawn l-imputazzjonijiet jiġi, minflok, liberat, u billi konsegwentement il-piena inflitta tiġi ridotta;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

F'dan il-proċess issemmew tliet minorenni, Renda, Hurley u Carbonaro;

Fid-dibattitu orali, id-difensur tal-appellant għamel xi osservazzjonijiet dwar il-każ ta' Hurley. Iżda dan il-każ ma jidħolx bl-ebda mod fl-appell; għaliex, għalkemm il-Qorti t'Isfel, fil-kors tal-parti konsiderattiva tas-sentenza tagħha, semmiet li Hurley kien ġie korrott mill-imputat, oltrekkè mill-ko-imputat Falzon, eppure fil-parti dispożittiva ma semmietx dak il-każ ta' Hurley; u huwa ċar li l-appell jivverti fuq il-parti dispożittiva. Probabbilment il-Maġistrat, għad li semma l-każ ta' Hurley fil-konsiderandi, ommettieħ fid-dispożittiv...... "Sia come sia", ma hemmx kundanna dwar il-każ ta' Hurley vis-a vis l-appellant, u għal-

hekk, għall-finijiet ta' l-appell, dak il-każ ma għandux jitqies aktar;

Kwantu għall-każ tal-minorenni Carbonaro, l-att li l-*Ewwel Qorti* ħadet għab-bażi tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, sar fid-dar tal-appellant. Din hi dar privata, u l-fatt sar f'kamra fuq, li titla għaliha bit-taraġ mill-bieb ta' barra, skond ma xehed f'din l-istanza l-kuntistabbli Demicoli. Issa, dar ma hix post publiku, la mix-xorta tagħha stess u lanqas minħabba d-destinazzjoni. Jista' jiġi d-dubju jekk, skond id-distinzjoni klassika adottata mill-ġurisprudenza maltija (ara "Rex vs. Cucciardi", 21. 10. 43, Vol. XXXI-IV-367), peress li "ex admissis" kien jitħalla miftuħ *il-bieb ta'* barra f'dan il-każ, tistgħax allura d-dar titqies post publiku b'aċċidentalità;

*Ma jidherx li wieħed jista'* jasal b'sikurezza għal din il-konklużjoni. Kieku rriżulta li minn xi apertura eżistenti fil-kamra xi ħadd mill-publiku seta' jara faċilment dak li kien qiegħed isir ġo l-kamra, allura forsi wieħed kien talvolta jista' jikkontempla soluzzjoni fis-sens *li l-kamra saret post publiku b'aċċidentalità*, salv li *wieħed* jara jekk, bħal ma kien f'dan il-każ, il-ġest oxxen kienx talment fugaċi li, *anki jekk jaraħ* xi ħadd f'dawk iċ-ċirkustanzi, bla ma jkun qiegħed jisma dak li ntqal, u bla ma jkun jaf il-kwadru kollu, ma *jikkomprendix tajjeb* il-portata tiegħu; però, apparti dan, ma rriżultax li kien hemm din il-possibilità, u wieħed irid jistirakkja ż-żejjed biex jgħid li l-kamra ta' fuq tista' titqies post publiku b'aċċidentalità għax seta' qabad u tela' xi ħadd tal-publiku. Infatti, anki jekk persuna tħalli l-bieb ta' barra miftuħ, dan *normalment ma jiġġustifikax* lil ħadd li jaqbad u jitla' daqs kieku l-post kien publiku;

Għalhekk *din il-Qorti* mhix sodisfatta li l-post kien publiku jew espost għall-publiku;

Issa, *quddiem* l-Ewwel Qorti ġiet prodotta r-rinunzja għall-kwerela kwantu għall-minorenni Carbonaro (fol. 49), u peress li ma tirrikorri ebda waħda miċ-ċirkustanzi elenkati fl-art. 217, li jirrendu dan ir-reat persegwibbli "ex officio", senjatament jonqos il-lok publiku jew **espost għall-publiku**, għalhekk ir-*rinunzja* ssir operattiva, **skond l-istess artikolu** issa ċitat; u ma hemmx lok aktar għall-prosekuz-

zjoni fuq dak ir-reat. Fir-rikors tal-appell l-imputat qiegħed jitlob il-benefiċċju tar-rinunzja fuq imsemmija, u din it-talba *tekwivali raġjonevolment* għall-aċċettazzjoni tar-rinunzja li trid il-liġi;

Tibqa' issa l-imputazzjoni bażata fuq l-art. 9 tal-Ord. VIII tal-1930 (Kap. 102 Ediz.), u fuq il-fatt, pruvat għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-appellant kien ippresta d-dar tiegħu għall-attijiet impudiċi bejnu, il-minuri, u l-ko-imputat Falzon;

*Id-dispożizzjoni* in parola tgħid hekk:— "Kull min għandu ħanut, alloġġ, jew lukanda, jew appartament privat, u jħalli jew jippermetti li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament, jew xi parti tagħhom, jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali, jeħel........";

L-ewwelnett, wieħed għandu jeżamina jekk din il-liġi tapplikax għall-każijiet ta' attijiet libidinużi omosesswali, jew hijiex hinitata għal relazzjonijiet etero-sesswali biss, bejn nisa u rġiel;

Id-dubju ġie prospettat mill-Qorti stess, in vista ta' dawn ir-riflessi:— (1) Is-sinifikat tal-kelma "prostituzzjoni"; (2)id-dispożizzjonijiet l-oħra tal-istess liġi; (3) ix-xorta tal-liġijiet kolpiti mill-klawsola revokatorja ("repealing clause") tal-liġi; (4) il-"long title" tal-liġi;

Biex jiġi diradat id-dubju, jeħtieġ li jiġu eżaminati dawn l-erba' fatturi li kkreawh;

Fuq l-ewwel wieħed;

Il-kelma "*prostituzzjoni*" pjuttost tindika relazzjonijiet ta' meretriċi ma' raġel. Dan hu l-intendiment ġenerali u komuni tal-kelma, u mhux relazzjonijiet pederastiċi, jew komunkwe pekkaminużi, ta' raġel ma' tifel ("lust-knabe"); u tant wieħed *jiddeżumi* mill-art. *7 (3)* tal-Kap. 102. Fi studju tal-iżvilupp tal-liġijiet dwar il-prostituzzjoni li, għall-finijiet tal-opera klassika tiegħu — ir-"Repertorio di Giurisprudenza"—għamel il-Merlin (ara voce "Lupanare" u voce "Ruffianesimo"), l-aċċenn hu dejjem għall-meretriċi, għalkemm hemm xi liġijiet imsemmijin fejn tissemma l-korruzzjoni ta' nies ta' sess wieħed jew ieħor. Però, id-dubju li seta' jiġi *minn din il-kelma* hu mneħħi bil-kliem susseġwenti

"skopijiet oħra immorali", li huma ampji talment li joħorġu mis-sinifikat ristrett tal-kelma "prostituzzjoni", peress li relazzjonijiet omosesswali huma dejjem skopijiet immorali;

Kwantu għat-tieni wieħed;

Fl-art. 2, 3, 5 u 6 tal-Kap. 102 tissemma dejjem "woman" jew "girl". Iżda din iċ-ċirkustanza ma hijiex konklużiva; għax fl-artikoli 8, 9, 10 u 12 ma hemmx ebda waħda minn dawk il-kelmiet limitattivi ("woman" u "girl"), u l-kelma "prostituzzjoni" hi amplifikata bil-kliem "skopijiet oħra immorali";

Kwantu għat-tielet wieħed;

Ir-"repealing clause" (art. 15 fil-liġi oriġinali, li, għal raġunijiet ovvji, ma jidherx fir-Revised Edition) irrevokat artikolu tal-Liġijiet Kriminali li kien jittratta fuq prostituti, u artikoli oħra tal-Liġijiet tal-Pulizija li wkoll kienu jittrattaw fuq prostituti. Issa, peress li dawn ir-revoki saru minħabba li saret din il-liġi, jista' jingħad li, bħal liġijiet minnha revokati, din il-liġi tikkontempla n-nisa pubbliċi. Iżda, b'daqshekk ma jistax jiġi eskluż li l-liġi l-ġdida kkontemplat anki materji oħra;

Kwantu għar-raba' element ta' dubju;

Dan jirrigwarda l-"long title", u d-dubju hu serju;

Dan il-"long title" jgħid hekk:— "To repeal and re-enact with amendments the law relating to the suppression of the White Slave Traffic"; fit-test taljan viġenti meta saret il-liġi fl-1930 kien jintqal hekk:— "Per revocare e rimettere in vigore con emendamenti le leggi relative alla repressione della tratta delle bianche";

L-espressjoni "White Slave Traffic" tirriferixxi għall-isfruttament ta' nies, taħt jew fuq l-età, bil-prostituzzjoni tagħhom ma' rġiel. Tant jidher mill-istorja tal-moviment għas-soppressjoni ta' dan il-kummerċ, li beda bl-ewwel konferenza msejħa f'Geneva b'inizjattiva ta' ċerta Josephine Butler fl-1875, u kompla biż-żewġ konferenzi ta' Pariġi tal-1904 u 1910 rispettivament, u bil-kungress internazzjonali f'Londra fl-1913, u okkupa in segwitu l-attenzjoni tal-"League of Nations", meta din ġiet imwaqqfa fl-1920. Fid-dokumenti relattivi jingħad dejjem "women and girls".

Veru hu li tintuża kulltant il-kelma "children", imma mill-kontest jidher li din hi użata fl-istess sens tal-kelma "girls" li jkunu "minors";

Għalhekk il-"long title" tal-Kap. 102 hu ferm limitattiv, u ma jidherx li jista' jikkomprendi attijiet omosesswali. *Id-diffikultà* tidher aktar serja meta wieħed *jikkunsidra li*, mentri fil-liġi XIII tal-1918 (li *ġiet revokata* bil-liġi tal-1930, il-lum il-Kap. 102), kien *jingħad* fil-"long title" "for the suppression of the White Slave Traffic and to amend the existing provisions respecting offences against good morals", dawn il-kliem amplifikattivi tal-aħħar ġew ommessi fil-liġi tal-1930, li jallargaw l-iskop tagħha, bħal ma huma l-kliem, **komunement** użati, "or for other purposes connected **therewith**";

*In-"nodum juris"* hu, **għalhekk**, *jekk għandux ikollu tant qawwa* l-"long title", li *l-artikoli kollha tal-Kap.* 102 għandhom jifthemu subordinatament għalih, b'mod li jkunu applikabbli biss għal relazzjonijiet etero-sesswali, bejn nisa u rġiel;

U hawn tidħol il-kwistjoni tal-effetti tal-"long title", f'liema kwistjoni jidher xieraq li jiġu segwiti l-prinċipji legali ngliżi, għax il-"long title" hu element li dwaru mmodellajna ruħna fuq is-sistema ta' "drafting" ingliż;

*Fil-ktieb* tiegħu "Legislative Drafting and Forms", 1938 **edition, p.** 30, Sir Alison Russell, K.C. (li kien Legal Secretary hawn Malta, u li l-Imħallef sedenti, *li kien jafu* personalment, jaf kemm kien jispeċjalizza *f'din il-materja*) jgħid hekk:— "Every act has a long title, which indicates the general purpose of the ordinance and may be referred to for the purpose of ascertaining its general scope". In ka'ċe, jiċċita deċiżjoni b'dan il-komment:— "In old days it used not to be so, but now the title is an important part of the Act, *and is* so treated in both Houses of Parliament" — ***Fieldon* vs.** Mosley Corporation (1899) I Ch. 4";

**L-istess** awtur *jiċċita*, in **kalċe** *wkoll, deċiżjoni* komparattivament reċenti tal-Privy Council, *li tirrakkjudi* "(b) In Bakare vs. The Lieutenant Governor, Southern Provinces (1929) A.C. 679, the Privy Council, in an appeal from Nigeria had to consider the construction of a section re-

ferring to 'all lands' in an Act, the long title of which referred only to 'lands granted by the Crown'. It was contended that, having regard to the long title, included in accordance with the Royal Instructions to the Governor, the words 'all lands' did not include lands held under a purely native title. The contention was rejected by the Privy Council on the ground that the long title did not purport to be exhaustive, and could not prevail over the clear words of the sections";

Mela jiġifieri li, meta l-kliem tas-"section" ikunu ċari, allura l-"long title", avvolja limitattiv, ma jipprevalix;

Il-Maxwell, fit-test tiegħu "Interpretation of Statutes", jagħti, p. 40 et seq., l-istorja ta' l-iżvilupp tal-ġurisprudenza ngliża in propożitu, li minnha jidher li għall-ewwel, sa qiesu nofs is-seklu l-ieħor (1845), il-Qrati, sa vi xi eċċezzjonijiet ta' opinjoni kuntrarja, kienu jirritjenu li l-"long title" ma hux parti mill-liġi, u ma għandux jiġi meħud in konsiderazzjoni. Iżda aktar tard ipprevaliet il-ħehma kuntrarja, b' mod li dan l-awtur jgħid (p. 42):— "..... it is now settled law that the title of a statute is an important part of the Act, and may be referred to for the purpose of ascertaining its general scope and of throwing light on its construction. This rule applies to the long title, but it does not apply to the short title. But the title cannot override the clear meaning of the enactment". U jgħaddi biex jiċċita deċiżjoni li qalet hekk:— "There is no doubt as to the construction to be put on the words of the section, though it clearly exceeds both the title and the preamble... We are bound to give to the section its full construction";

Mela, jekk il-kliem tal-artikolu jkunu ċari, japplika l-artikolu, avvolja joħroġ mill-ambitu tal-"long title";

Issa, x'inhu allura s-sens tal-kliem tal-art. 9 Kap. 192, kunsidrati kif inhuma fl-artikolu stess, indipendentement minn kull fattur ieħor?

Dak l-artikolu jikkolpixxi l-fatt ta' kull min jħalli jew jippermetti li xi post minn dawk fih imsemmijin, jew xi parti tagħhom, jiġu użati bħala post ta' laqgħa għal skop ta' prostituzzjoni jew skopijiet oħra immorali;

Ma hemmx dubju li, kunsidrata l-ittra tal-artikolu iżolatament, indipendentement minn konsiderazzjonijiet oħra, l-artikolu jikkomprendi l-fatt ta' min iħalli li ħadd ieħor jieħu tifel f'dawk il-postijiet għal skopijiet, jekk mhux ta' prostituzzjoni fis-sens limitat tagħha, ta' pratiki omosesswali. L-artikolu per se hu ċar, la darba mhijiex imsemmija "woman" jew "girl", u la darba hemm il-kliem ġeneriċi "skopijiet oħra immorali";

Mela jiġi li, ġa ladarba l-artikolu hu ċar, il-"long title", avvolja restrittiv, ma għandux jipprevali; u l-Qorti, wara dawn ir-riflessjonijiet, li tispera li huma eżawrjenti, tħoss li tista' tiġi għall-konklużjoni li l-art. 9 jista' japplika wkoll għall-fatt ta' min jittollera li post minn dawk fih imsemmijin jiġi użat bħala post ta' laqgħa għal skopijiet pederastiċi jew omosesswali;

Tibqa', issa, il-kwistjoni jekk l-art. 9 japplikax għaċ-ċirkustanzi tal-fattispeċje;

"Ex admissis", il-post tal-laqgħa hu dar. Issa, l-art. 9 isemmi "ħanut, alloġġ, jew lukanda, jew appartament privat", u ma jsemmix "dar";

Din il-Qorti, kif preżentement presjeduta, diġa' kellha l-okkażjoni tistudja u tirriżolvi dan il-pont, fl-appell "Pulizija vs. Francesca Mifsud", 28 ta' Frar 1953; u, qabel ma tat id-deċiżjoni tagħha, kienet invitat il-Prosekuzzjoni, li lodevolment ikkooperat, biex tagħmel ir-riċerki meħtieġa, stante li l-liġi aktarx kienet bażata fuq dik li tissejjaħ "model ordinance", li fil-prattika tiġi mibgħuta b'"circular despatch" tas-Segretarju tal-Istat għall-Kolonji sabiex tiġi adottata fil-Kolonji Ingliżi. Però l-Prosekuzzjoni xejn ma kien irnexxielha ssib. L-Imħallef sedenti, għar-raġunijiet dettaljati fl-imsemmija deċiżjoni, kien wasal għall-konklużjoni li "dar" ma tidħolx fl-art. 9. Tidħol fl-art. 8. Iżda issa, fl-appell, l-imputazzjoni ma tistax titbiddel; setgħet titbiddel fl-ewwel istanza. Għalhekk il-fatt kommess mill-imputat ma jaqgħax taħt l-art 9, u kwindi l-imputazzjoni, u l-konvinzjoni bażata fuq dak l-artikolu, għandha taqa';

Għalhekk it-tieni imputazzjoni tiġi eskluża, għax saret improċedibbli minħabba r-rinunzja tal-parti leża; u t-tielet imputazzjoni għandha tiġi eskluża għar-raġuni li l-fatt sar

ġo dar, li ma hijiex post minn dawk imsemmijin fl-art. 9, bażi tal-imputazzjoni;

Tibqa' l-ewwel imputazzjoni u konvinzjoni, li kontra tagħha ma sarx appell. Biss, fir-rikors tal-appell jingħad li ma għandhux jiġi applikat l-art 20 dwar l-aggravanti tal-kontinwità. Dan ir-riljev hu pleonastiku, għax l-Ewwel Qorti, kif jidher mill-konsiderandi u miċ-ċitazzjoni tal-artikoli, ma applikatx l-aggravanti tal-kontinwità;

Kwantu għall-piena;

*Ikkunsidrat;*

Għar-reat li baqa' (korruzzjoni tal-minorenni Renda), il-piena hi tal-lavuri furzati sa sentejn, bir-reklużjoni jew le, bla minimum. L-Ewwel Qorti nfliġġiet il-piena ta' sena lavuri furzati. Din il-piena kienet għat-tliet reati, li tagħhom dik il-Qorti kienet sabet ħati l-imputat, u baqa' wieħed biss. Issa, *kieku l-Ewwel Qorti* tat dik il-piena ta' sena lavuri furzati għar-reat ta' korruzzjoni ta' Renda biss, din il-Qorti ma kienetx bl-ebda mod tħossha nklinata tnaqqas il-piena, għax dan hu reat gravi. Imma f'dan il-każ il-piena, issa f'dan l-istadju, għandha titqies minn aspett ieħor, cjoe' bi proporzjon għall-globalità tagħha;

*Il-Maġistrat, wara li ħa in konsiderazzjoni* ċ-ċirkustanzi li deherlu li kienu estenwanti, ta għat-tliet reati l-piena ta' sena lavuri furzati. Kwindi din il-Qorti, f'dan l-istadju, u issa li tnejn mir-reati ġew esklużi, għandha tara liema parti minn din il-piena totali kienet verosimilment mogħtija mill-Maġistrat għar-reat li issa baqa'. F'din l-indaġini wieħed għandu jqies *il-piena tar-reati l-oħra u r-regoli tal-*konkors;

Il-Qorti intant tiddikjara, għas-skansu ta' ekwivoċi, li l-piena li sejra tagħti, kif ridotta, ma għandhiex titqies bħala gwida jew kriterju; għaliex f'dan il-każ hemm l-aspett speċjali fuq imsemmi;

Wara *li* qieset dan l-aspett fid-dawl *taċ-ċirkustanzi fuq* imsemmija;

Din il-Qorti ddeċediet;

Billi laqgħet l-appell, fis-sens li eskludiet it-tieni u t-tielet imputazzjoni, li minnhom l-appellant jiġi liberat; tib-

qa' ferma d-dikjarazzjoni ta' reità dwar il-korruzzjoni ta' Renda, u konsegwentement tirriduċi l-piena għal dik tal-lavuri furzati għal żmien sitt xhur.